MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 927/2008

**Anthony Schembri (karta tal-Identita` numru 286267M)**

**vs**

**Joseph Manuel Galea (Karta tal-Identita` numru 31182M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Anthony Schembri (ID 286267M) datat 16 ta' Settembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-konvenut Joseph Manuel Galea, kien inkariga lill-attur sabiex iwettaq xoghol ta' garr ta' materjal alimentari u ta' natura simili bejn il-perjodu ta' Ottubru tal-2007 u Jannar tal-2008.

Illi x-xoghol in kwistjoni sar mill-attur u dan skont it-termini u l-kondizzjonijiet pattwiti bejn l-attur u l-konvenut.

Illi l-hlas dovut lill-attur mill-konvenut ghax-xoghol in kwistjoni jammonta ghal-hmistax-il elf sitt mija u erbgha u tmenin ewro u sebgha u tmenin centezimu (€15,684.87) ekwivalenti ghal sitt elef seba' mija u tlieta u tletin Lira Maltija u wiehed u hamsin centezimu (Lm6733.51) hekk kif konfermat *mill-invoices* annessi u mmarkati bhala Dokumenti "A 1", "A 2", "A 3" u "A 4" rispettivament.

Illi minkejja d-diversi interpellanzi lill-konvenut sabiex jersaq ghall-hlas relattiv, dan baqa' inadempjenti.

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex din il-kawza tigi deciza bid dispensa tas-smigh *a tenur* tal-**artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta),** *stante* li dan il-kreditu ta' hmistax-il elf sitt mija u erbgha u tmenin ewro u sebgha u tmenin centezimu (€15,684.87) ekwivalenti ghal sitt elef seba' mija u tlieta u tletin Lira Maltija u wiehed u hamsin centezimu (Lm6733.51) huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-attur, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Illi l-konvenut jaf b'dawn il-fatti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tilqa' t-talba attrici u taghti sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skont l-**artikolu 167 *et sequentia* tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta)**.

2. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur s-somma ta' hmistax-il elf sitt mija u erbgha u tmenin ewro u sebgha u tmenin centezimu (€15,684.87) ekwivalenti ghal sitt elef seba' mija u tlieta u tletin Lira Maltija u wiehed u hamsin centezimu (Lm6733.51)

rapprezentanti xoghol ta' garr ta' materjal alimentari u ta' natura simili li sar mill-attur.

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas l-istess somma ta' hmistax-il elf sitt mija u erbgha u tmenin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€15,684.87) ekwivalenti ghal sitt elef seba' mija u tlieta u tletin Lira Maltija u wiehed u hamsin centezimu (Lm6733.51).

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Gunju 2008 u bl-imghaxijiet mid-data tal-fatturi sal-gurnata tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa 8 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Settembru 2008.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit- 28 ta' Jannar 2009 (fol. 21) fejn xehed Joseph Manuel Galea. Inghata digriet fis-sens li Qorti hasset li gie ppruvat *prima facie* li l-konvenut ghandu eccezzjonijiet x' jaghmel fis-sens li ma hu dovut l-ebda ammont ghax ix-xoghol indikat fir-rikors guramentat ma sarx fil-perijodu specifikat, b'dan li tat lill-konvenut il-fakulta` jipprezenta risposta guramentata f' ghoxrin (20) gurnata mid-data tal-istess seduta.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Joseph Manuel Gaela datata 16 ta' Frar 2009 a fol. 29 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti m' ghandu jaghti edba hlas kif pretiz fil-perijodu indikat *stante* li jekk sar xi xoghol r-rikorrenti dejjem thallas liema haga se tigi ppruvata fil-mori tal-kawza.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost aktarx l-istess rikorrent hu debitur tal-esponent liema dritt qed jirrizerva ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

4. Salv eccezzjonijiet/risposta ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol 29 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta' April 2009 (fol. 92) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. James Scerri Worley ghall-attur u Dr. Mark Busutill ghall-konvenut. Il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Stefano Filletti sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a spejjez provizorjament attrici.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Stefano Filletti flimkien max-xhieda kollha quddiemu prodotta, id-dokumenti hemm ipprezentati, u r-rapport li gie mahluf *seduta stante* tas-17 ta' Marzu 2011; l-istess rapport jinsab esebiti a fol 266 tal-atti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta inkluz dak tal-20 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Mark Busuttil ghall-konvenut u Dr. James Scerri Worley ghall-attur. Dr. Busuttil iddikjara li mhux se jaghmel eskussjoni tal-Perit Legali u talab jaghmel nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ipprefeggiet tletin (30) gurnata zmien lill-konvenut ghan-nota ta' osservazzjonijiet bin-notifika/visto lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tletin (30) gurnata ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Marzu 2012.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Joseph M Galea datata 18 ta' Novembru 2011 a fol 301 tal-process.

Rat in-nota tal-attur Anthony Schembri in risposta ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Joseph M Galea datata 16 ta' Dicembru 2011 a fol 311 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-atttur qed jippretendi li ghandu jithallas l-ammont ta' €15,684.87 rappresentanti valur ta' xoghol ta' garr ta' materjal alimentari u ta' natura simili esegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut. Illi l-konvenut eccepixxa li ma ghandu jhallas l-ebda ammont ghaliex l-attur ma ghamilx ix-xoghol fil-perjodu ndikat minnu, u jekk sar xi xoghol mil-attur huwa hallsu tax-xoghol li kien ghamel, u wkoll li sostna li huwa l-attur li huwa debitur tieghu.

Illi jirrizulta li f'din il-kawza hemm zewg verzjonijiet kontradittorji, izda hemm ukoll ftit fatti oggettivi illi jistghu jwasslu ghall-konkluzjoni facli ta' din il-vertenza. Ghalhekk jehtieg li jsir ezami tal-provi prodotti sabiex jigi stabbilit liema verzjoni hija l-iktar kredibbli u verosimili u b'hekk jekk it-talba attrici ghandhiex tigi milqugha jew le in vista tal-eccezzjonijiet sollevati.

Illi jirrizulta lli l-attur fid-dokumenti esebiti bhala Dok. "A1" sa Dok. "A4" mar-rikors guramentat kif ukoll minn Dok. "SAX 1" sa Dok. "SAX 32" jallega li hemm is-segwenti bilanc x' jithallas:-

1. Ammont ta' € 9,070.58 (Dok. "A1") li huma spejjez ta' 11-il vjagg bil-prezz ta' LM 300;

2. Ammont ta' €9,895.17 (Dok. "A2") li huma spejjez ghal 23 vjagg (ara invoice 28 ta' Gunju 2007).

3. Ammont ta' € 232.93 (Dok. "A2") li huma spejjez ta' diesel.

4. Ammont ta' € 1,302 (Dok. "A2") spejjez tal-Katamaran.

5. Ammont ta' € 300.49 (Dok. "A2") spejjez hsarat tat-trakk.

6. Ammont ta' € 1,958.41 (Dok. "A3") vjagg GS Carini.

7. Ammont ta' € 3,894 Invoice 7 ta' Jannar 2008.

8. Ammont ta' € 105 Li jidher li kien xi self *brevi manu.*

Total ta' € 26,758.58

Illi jirrizulta li minn tali ammont ta' € 26,758.58 thallas l-ammont ta' € 11,073.84, u dan ihalli bilanc ta' €15,684.74

Illi jigi rilevat illi ghall-ammonti hawn fuq imsemmija u li huma mmarkati numri 3,4,5 u 8 rispettivament ma saritx prova dwar l-istess u wkoll mhux necessarjament jidhlu fil-kawzali attrici u dan jinghad partikolarment ghall-allegata hsara fit-trakk u self brevi manu. Ghalhekk l-ammont tat-talba attrici qed jigi ridott ghall-ammont ta' € 13,744.32

Illi dwar dan il-bilanc hemm ukoll kontestazzjoni fis-sens illi l-konvenut qieghed jikkontendi illi dawn ma humiex dovuti. Fix-xhieda tieghu quddiem din fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2009 il-konvenut innega illi l-attur ghamel xi vjaggi fil-perjodu ndikat mill-attur u li fi kwalunkwe kaz kien thallas tax-xoghol li kien ghamel. Ghlalhekk innega li saru xi vjaggi fuq mandat jew talba tieghu fil-perjodu indikat mill-attur fil-kontijiet annessi mar-rikors guramentat.

Illi l-attur minn naha tieghu sostna li b' kollox saru 24 vjagg, ossia 23 vjagg u iehor tal-7 ta' Jannar 2008. Fil-mori tal-kawza l-konvenut ta spjega ta' dawn il-vjaggi li ghalihom irrefera l-attur izda din id-darba ma nnegax li dawn il-vjaggi saru. Ghalhekk jidher illi fil-mori tal-kawza l-konvenut ma baqax jinsisti illi ma kienux saru vjaggi mill-attur ghalih fil-perjodu pretiz mill-attur.

Illi minn naha l-attur baqa' konsistenti fuq dawn il-vjaggi sa mir-rikors guramentat tieghu u tul ix-xhieda tieghu f'din il-kawza u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li x-xhieda attrici hija hafna aktar versosimili ghaliex konsistenti u allura

iktar kredibbli, mentri l-posizzjoni tal-konvenut giet temperata bl-inkonsistenza u kontradizzjonijiet fix-xhieda tieghu anke dwar jekk tali vjaggi sarux jew le. B'hekk din il-Qorti qed tasal sabiex temmen il-verzjoni attrici li tali vjaggi saru fuq inkarigu tal-konvenut u ghalhekk, hlief ghal dak li gja nghad f'din is-sentenza, saru l-ammonti ta' vjaggi l-ohra pretizi mill-attur.

Illi l-istess qed jinghad dwar il-prezz illi bih kellhom isiru dawn il-vjaggi. L-attur sostna illi kien hemm ftehim ta' hlas ta' €698.81 kull vjagg oltre hlas ta' spejjez tal-vapur u *clearance* tal-merkanzija. Il-konvenut da parti tieghu sahaq illi kien hemm ftehim ta' hlas ta' €232.93 bhala dritt ghall-attur u hlas ta' €186.35 ghad-diesel ghal kull vjagg oltre hlas ta' spejjez tal-vapur u *clearance* tal-merkanzija.

Illi jinghad li f'dan il-kuntest ukoll il-verzjoni ta' l-attur hija aktar verosimili peress illi x-xoghol kien jirrikjedi illi l-attur imur ghal xi granet Sqallija u jsuq it-trakk u kellu jinkludi wkoll kull *wear and tear* tat-trakk. Illi ghalhekk dritt ta' €232.93 kull vjagg ghal dan ix-xoghol huwa wiehed inverosimili u lanqas kredibbli tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u x'jinvolvu tali tragitti. B'hekk qed tigi accettata l-verzjoni attrici li kien hemm ftehim bejn il-partijiet ta' hlas €698.81 ta' kull vjagg minbarra r-rifuzjoni tal-ispejjez tal-vapur u *clearance* tal-merkanzija.

Illi l-konvenut jilmenta mill-fatt illi huwa qieghed jigi mitlub ihallas ghal spejjez ta' vapur u *clearance* ta' merkanzija li ma kinitx tieghu izda li kienet minflok dik ta' l-attur. L-attur jistqarr li kien hemm okkazjoni wahda fejn dan sar u fil-fatt l-attur stess kien aggusta 'l isfel il-prezz tal-vapur u dan sabiex il-konvenut ihallas biss ghat-tghabbija tieghu. F'dan il-kuntest huwa rilevanti li jinghad li l-attur dejjem cahad li qatt garr taghbija ohra tieghu jew ghal terzi flimkien ma' dik tal-konvenut.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-konvenut naqas li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu fis-sens li l-garr tal-merkanzija mitluba lilu fil-fatt ma kienitx dik tieghu u dan meta kien oneru tieghu li jaghmel dan. Ma ressaq ebda prova tal-valur jew xi kalkolu f' dan ir-rigward ta' l-ammont li skont

hu ghandu jitnaqqas mit-talbiet tal-attur u ghalhekk huwa ferm difficli f'dawn ic-cirkoztanzi li t-tezi tieghu tigi accettata. Minn naha l-ohra l-allegazzjonijiet attrici gew surrogati mid-dokumenti dokumenti u *invoices* minnu mahruga u esebiti u hawn issir riferenza mhux biss ghad-dokumenti annessi mar-rikors guramentat izda wkoll ghall-affidavit attrici datat 9 ta' Marzu 2009 (fol. 31) u d-Dok. "C1" sa Dok. "H1" (fol. 38 sa fol. 72) u wkoll Dok. "I" sa Dok. "K4" (fol. 73 sa fol. 82 tal-process) u Dok. "SAX 1" sa Dok. "SAX 32" . Apparti dan, hemm ix-xhieda ta' Charles Buhagiar, Jesmond Zammit, Felicianne Schembri u wkoll ta' Carmen Schembri lkoll datati 16 ta' April 2007 esebiti man-nota attrici tal-istess data.

Il-konvenut wara li ezamina d-dokumenti ta' l-attur jargumenta wkoll illi l-attur huwa debitur tieghu fl-ammont ta' € 8819.09. Dan l-argument jaghmlu fuq interpretazzjoni tieghu tad-dokument esebit mill-attur u mmarkat Dok "JB" (fol. 255). Izda din il-Qorti thoss li l-interpretazzjoni tal-konvenut ta' Dok. "JB" redatt mill-attur, nkluz dik moghtija minnu fl-affidavit tal-10 ta' Awissu 2009 (fol. 97 *et sequitur)* mhux konvincenti u wisq inqas sostanzjata u dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt li allura l-konkluzjoni li qed tasal ghaliha din il-Qorti (bhal dik tal-Perit Legali) hija li fl-ahhar mill-ahhar il-konvenut naqas milli jforni spjegazzjoni dettaljata u konvincenti tal-pretensjoni tieghu f' dan ir-rigward u fil-fatt ma jidhirx li ghal dak li qed isostni huwa pproceda kontra l-attur.

Illi kien ukoll ghalhekk li l-Perit Legali f'dan ir-rigward ikkumenta li *"jinghad ukoll illi mistoqsi ripetutament ghalfejn il-konvenut ma pprezentax kontrotalba ghal pretensjoni tieghu l-konvenut kien evasiv fir-risposta tieghu"* u dan huwa iktar serju tenut kont tal-insistenza tieghu dwar l-istess f'din il-kawza, u wkoll li accenna ghaliha timidament fit-tieni eccezzjoni tieghu fir-risposta guramentata tieghu minghajr ma ta dettalji dwar l-istess ta' xejn, u minghajr din lanqas issemmiet fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti fit-28 ta' Jannar 2009 (fol, 27).

Illi ghalhekk din il-Qorti wara li rat u ezaminat ix-xhieda kollha proposta, id-dokumenti kollha esebiti (li hemm

numru kbir taghhom) u qies il-komportament tal-partijiet fil-kawza thoss li t-talbiet tal-attur ghandhom jintlaqghu in parte u dan billi tikkundanna lill-konvenut bhala debitur ta' l-attur fl-ammont likwidat ta' tlettax-il elf seba' mija erbgha u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€ 13,744.32).

Illi l-Qorti rat in-nota tal-partijiet prezentati rispettivament wara r-rapport peritali u thoss li l-kritika imqajjma mill-konvenut hija dik ibbazata fuq ix-xhieda tieghu, li kienet gja konsidrata mill-perit legali u li giet ezaminata mill-Qorti f'din id-decizjoni u hija bbazata fuq dak li xehed il-konvenut li baqa' fuq kollox mhux sostanzjat. Mhux biss, izda minn dak li qed jallega xorta jibqa' l-fatt li l-posizzjoni tal-konvenut tbiddlet mid-data li deher l-ewwel darba fil-kawza fit-28 ta' Jannar 2009 sa meta xehed u ghamel is-sitwazzjonijiet tieghu, b'dan li fix-xhieda tieghu stess l-istess konvenut, ma kienx konsistenti, anzi kontradittorju, ghaliex fuq kollox gie ppruvat li l-vjaggi li huwa sostna ghall-ewwel li ma sarux, fil-mori qed jammetti li saru u dan certament li jippregudika l-kredibilita' tal-verzjoni tieghu u huwa fl-ahhar mill-ahhar fatali ghall-posizzjoni tieghu. Dan apparti l-fatt li bazikament it-tezi li spicca biha l-konvenut hija fis-sens li kien huwa li fil-fatt ghandu jiehu minghand l-attur, izda ma spjegax ghaliex allura qatt ma ghamel kontro-talba jew agixxa gudizzjarment kontra l-attur. Illi jidher car ukoll li l-azzjoni attrici saret abbazi tal-*invoices* prezentati mar-rikors guramentat li huma datati rispettivament 7 ta' Ottubru 2007, 30 ta' Ottubru 2007, 17 ta' Jannar 2007, u 30 ta' Jannar 2008 u fihom hemm indikati d-dettalji ta' meta saru l-istess vjaggi u t-talba attrici hija abbinata mal-istess Invioces immarkati bhala Dok. "A1" sa Dok. "A4" u dwar dan fl-opinjoni tal-Qorti qatt ma ezista l-ebda dubju.

Illi b'hekk it-talba attrici qed tigi milqugha ghall-ammont ta' tlettax-il elf seba' mija erbgha u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€13,744.32) bl-imghax legali mid-data tat-28 ta' Jannar 2009 (data meta l-konvenut deher f'din il-kawza quddiem il-Qorti) sal-effettiv pagament.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fir-risposta guramentata tieghu datata 16 ta' Frar 2009, **tilqa' t-talbiet attrici biss kif hawn deciz** b'dan li:-

2. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' tlettax-il elf seba' mija erbgha u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€13,744.32), ekwivalenti ghal hamest elef u disa' mitt Lira Maltija u erghba u erbghin centezmu (Lm5,900.44) rapprezentanti xoghol ta' garr ta' materjal alimentari u ta' natura simili li sar mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut kif hawn deciz.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess somma ta' tlettax-il elf seba' mija erbgha u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€13,744.32), ekwivalenti ghal hamest elef u disa' mitt Lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm5,900.44).

Bl-imghax legali mid-data tat-28 ta' Jannar 2009 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut, u bl-ispejjez kwantu ghal parti mill-hamsa ghall-attur u erbgha parti minn hamsa ghall-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------